RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 16**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqa` nhar**
**It-Tlieta 6 ta' Diċembru 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna. Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sna. Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzat:**

| | |
|---|---|
| Il-Profs. Anthony Grixti Soler | Membru |

Il-laqgha bdiet fis-6.45 p.m.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A15**

1.01 Ic-Chairperson, is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 15 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Qari tal-Minuti A15

1.02 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti jigu approvati. Issekondat din il-proposta s-Sna. Stephanie Gatt. Approvazzjoni tal-Minuti A15

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A15**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Korrezzjonijiet tal-Minuti A15

**3.00 Punti li johorgu mil-Minuti A15** Punti Mqajma

3.01 4.01.3 Is-Sur Christopher Farrugia ssuggerixxa li napplikaw ghal 'road re- Progett tad-Dahla



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

alignment' ta' Triq il-Buskett sabiex meta jsir il-Progett tad-Dahla, l-bankina l-aktar li hi ffrekwentata min-nies, u cioe` tan-naha ta' Villa Messina, tkun tista titwessa. Il-Kumitat qabel.

3.02.1 4.01.4 Is-Sur Christopher Farrugia ssuggerixxa li l-wires tad-dawl jitnehhew u minnflok jigu mghoddija minn taht il-bankini li ser naghmlu fi Triq Carlo Fiamingo, Triq Godwin Ganado u Triq Pietru Caxaru. Bankini godda

3.02.2 4.01.4 Is-Sur Lino Pace Bonello talab li jiltaqa` mal-perit tal-Kunsill sabiex il-bankini li ser isiru godda jsiru kollha l-istess. B'dan dil-mod ikun hemm uniformita` u konsistenza. Il-Kumitat qabel.

3.02.3 4.01.4 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li kienet ser tkellem lill-perit tal-Kunsill sabiex issir 'on-site visit'.

**4.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Ezekuttiv**

4.01 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li mit-tieni Skema ta' Finanzjament ghall-Progetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet taghhom (Memo 55/2011), id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali flimkien mas-Segretarjat ta' l-Onor Chris Said kien taghna l-ammont kollu li applikajna ghalih, jigifieri €20,000. Dawn il-flus jigu mghoddja lil Kumitat Amministrattiv hekk kif jitlesta l-progett. Memo 55/2011

4.02 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li l-harga li jmiss tal-fuljett Ir-Rabta hierga f'Jannar 2012. Ghaldaqstant, ser tghid lill-Editur sabiex jiltaqa` mal-membri qabel il-laqgha li jmiss tal-Kumitat. Ir-Rabta

** Is-Sindku Sandro Craus dahal ghal-laqgha fis-7.15 p.m.

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgha li Dun Gwann Azzopardi tah aktar informazzjoni dettaljata dwar l-emblema. Ghaldaqstant, huwa talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex issir emenda tad-deskrizzjoni tar-rotunda peress li hija aktar korretta. L-emblema tal-KA Virtu

5.02 Is-Sur Christopher Farrugia staqsa jekk ircevejniex komunukazzjoni minghand it- Traffic

Transport Malta rigward it-'Traffic Management Plan'. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondietu fin-negattiv u ghaldaqstant gie deciz li ghandna nibghatulhom 'reminder'. Management Plan

5.03 Is-Sna. Cecilia Bonello talbet li napplikaw mat-Transport Malta sabiex isiru 'double yellow lines' fil-kantunieri tat-toroq li tghaddi l-Arriva minnhom, specjalment fi Triq Godwin Ganado.

5.04 Is-Sindku Sandro Craus issuggerixxa li issir applikazzjoni wahda sabiex napplikaw ghal 'parking bays' fl-area ta' Tal-Virtu kollha.

5.05 Is-Sur Christopher Farrugia ippropona li ghalissa ghandha ssir applikazzjoni ghal Triq Alessandro Curmy, Triq Guzeppi Caruana, Triq Pietru Caxaru u Triq Godwin Ganado. Idejlament din l-applikazzjoni ghandha tkun parti mit-'traffic management plan' fejn ghandu jigi nkluz ukoll l-'speed limit'. Il-Kumitat qabel.

5.06 Is-Sindku Sandro Craus issuggerixxa li ssir laqgha dwar it-Traffic Management Plan ma' l-ufficcjali tat-Transport Malta.

**6.00 Zviluppi dwar Memo 94/2010 – Skema ta' Finanzjament ghall-Progetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet taghhom**

6.01 Is-Sna. Orietta Masini Cardona infurmat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li l-Kumitat Amministrattiv sab problemi biex jimplimenta dan il-progett u ghaldaqstant il-Kumitat iddecieda li l-progett jinbidel. Id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali approva li jinbidel ix-xoghol propost u taghna estensjoni ta' sitt xhur mil-11 ta' Novembru 2011. Ghaldaqstant, hija sahqet dwar l-importanza li t-tender johrog mill-aktar fis possibbli. Zviluppi dwar Memo 94/2010

**7.00 Analizi dwar progetti mhux imwettqa. Rapport mic-Chairperson dwar il-Progett tad-Dahla u dwar il-hajt ta' Triq Godwin Ganado**

7.01 Is-Sur Lino Pace Bonello qara rapport imhejji minnu stess dwar il-Progett tad-Dahla u dwar il-hajt ta' Triq Godwin Ganado, liema rapport jinsab mehmuz ma' dawn il-minuti. Analizi dwar progetti mhux imwettqa

** Is-Sur Sandro Craus hareg mil-laqgha fit-7.45 p.m.

7.02 Is-Sna. Orietta Masini Cardona talbet li ssir emenda dwar il-hajt ta' Triq Godwin

Ganado. Hija rrimarkat dwar il-fatt li l-Kunsill Lokali tar-Rabat ma jistax japplika ghal permess mal-MEPA peress li l-hajt qed izomm il-hamrija u l-ghelieqi huma tad-Dipartiment ta' l-Artijiet. Ghaldaqstant, huwa dan id-Dipartiment li jrid japplika ghall-permess tal-MEPA.

7.03 Fir-rapport tieghu ic-Chairperson Lino Pace Bonello talab li kopja ta' dan ir-rapport tintbghat lill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**8.00 Aggornament**

8.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-10 ta' Jannar 2011 fis-6.30 p.m. Aggornament

8.02 Il-laqgha ntemmet fit-8.00 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**